# Fdalijiet Arkeoloġiċi f'Ħal Kirkop

*Kitba tal-Perit Josette Theuma*
*BE&A(Hons), A&CE, PgCert(Surrey)*

## Nota Editorjali

Irħula b'tradizzjoni antika ta' għixien u residenzi kienu spiss suġġett li taħthom jinstabu fdalijiet ta' żminijiet oħra. Minkejja li hu raħal żgħir, Ħal Kirkop huwa sinjur ukoll fil-qasam arkeoloġiku u avolja ma nstabux xi sejbiet kbar, xorta jixhdu l-fatt li dawn l-inħawi kienu minn dejjem abitati min-nies b'ċertu ċiviltà. L-aktar magħruf fosthom huwa indubbjament il-Menhir li ssib fid-daħla tar-raħal u li huwa prattikament sinonimu ma' Ħal Kirkop. Iżda minbarra l-Menhir, wieħed irid isemmi wkoll is-sejbien ta' diversi oqbra, speċjalment fl-akwati ta' Kirkop 2. Ta' min ifaħħar l-inizjattiva tal-Kunsill Lokali tar-raħal, li b'fondi mill-Unjoni Ewropea, għażel li jirrestawra l-qabar Paleo-Kristjan u jtella' struttura sabiħa li tħarsu mit-tħassir tal-elementi. U ħajr xieraq imur lill-awtriċi ta' dan l-artiklu l-Perit Josette Theuma, mhux biss tar-riċerka li nvolva dan l-artiklu, iżda wkoll talli kienet strumentali biex setgħu jiġu akkwistati numru ta' ritratti u disinji antiki b'rabta ma' dal-wirt arkeoloġiku.

Din id-darba ħa nħarsu ftit lejn fdalijiet arkeoloġiċi fir-raħal ta' Ħal Kirkop. Dawn jinkludu diversi sejbiet li għalkemm żgħar imorru lura għal bosta snin u jagħmlu parti importanti mill-istorja ta' dan ir-raħal. Sewwa sew fid-daħla ta' Ħal Kirkop insibu ġebla wiefqa jew aħjar menħir mal-ġenb tat-triq magħrufa bħala s-Salib.



Disinn antik f'għamla ta' litografija li juri l-Menhir.
Ħajr lil Heritage Malta.

Il-Kelma menħir ġejja mill-lingwa Franċiża li tfisser "men" ġebla u "ħir" twila. Dan il-ġebel twil insibuh f'daqs varju, b'forom irregolari u li ġeneralment jagħlaq għall-ponta n-naħa ta' fuq. Eżemplari ta' dawn il-menħir jinstabu mferxin mal-Ewropa, l-Asja u l-Afrika, iżda l-akbar konċentrazzjoni tagħhom jinstabu l-Ingilterra, l-Irlanda u fin-naħa ta' fuq ta' Franza. Dawn il-Menħir instabu pożizzjonati fejn bini ieħor ta' importanza reliġjuża għal dak iż-żmien, jew inkella fi gruppi f'forom ċirkolari, ovali jew forma ta' nagħla. Dawn il-monumenti megalitiċi kienu siti ta' ċerimonji reliġjużi, kif ukoll siti ta' dfin.



Ritratt antik ieħor li juri l-Menhir meħud mill-għalqa ta' warajh.
Minflok dawk il-kmamar, illum hemm il-bini tal-gvern.
Ħajr lil Heritage Malta.

Dwar in-nies li bnew dawn il-monumenti ftit li xejn nafu, ħlief li kienu jidfnu l-mejtin tagħhom, ikabbru ċ-ċereali, jaħdmu l-fuħħar u jużaw għodda tal-ġebel. Il-materjal ta' dawn il-menħir ivarja skont il-blat li jkun jinstab viċin. Eżempju tal-Qala u ta' Għammar magħmula mill-ġebla tal-qawwi waqt li ta' Ħal Kirkop magħmul mill-ġebla tal-franka.

Hemm diversi ipoteżi dwar x'kienu dawn il-menħir. Hawn min jgħid li dawn kienu xi fdalijiet minn tempji Puniċi minħabba l-fatt li fi Skorba nstab menħir, li wara li saru aktar skavi nstab li kien jagħmel

parti minn tempju. Fejn tal-Ħofra, menħir fil-Gudja nstabu wkoll xi fdalijiet ta' fuħħar. Hawn min jgħid li dawn setgħu ffumaw b'xi mod naturali ta' tifrik ta' blat.




Disinji u taħżiż b'qisien tal-menhir li ttieħdu fis-snin għoxrin. Ħajr lil Heritage Malta.

Dan il-Menħir x'aktarx kien juri l-limiti tal-parroċċa fi żminijiet aktar riċenti u fuqu nsibu marki tar-reliġjon Kattolika li jinkludu salib imnaqqax f'nofsu u salib imqiegħed fuqu. Dan il-menħir kien jagħmel sehem minn ħajt ta' għalqa u ġie mċaqlaq minn postu meta twessgħet it-triq, kif turi l-pjanta tal-Public Works datata 1956. Oriġinarjament dan il-menħir kien ta' għamla rettangolari, iżda tarf minnu ġie mtajjar biex setgħa jitqiegħed Salib fuqu. Insibu ukoll dokumentazzjoni fin-noti ta' Sir Temi Zammit fejn huwa penġa l-menħir bis-Salib fuqu meta żar Ħal Kirkop. Minn dawn il-menħir hawn madwar tmienja fil-gżejjer Maltin. Xi wħud minnhom huma dawk tal-Gudja, Ta' Għammar limiti ta' Birżebbuġa u ta' Ħal Far.



**Diversi eżempji ta' msiebaħ tal-fuħħar li nstabu f'katakombi midfuna taħt Ħal Kirkop, li ġew fotografati mas-sejba tagħhom u miżmuma fil-Mużew tal-Arkeoloġija. Ħajr lil Heritage Malta.**

Fdalijiet oħra ta' interess arkeoloġiku huwa l-qabar Puniku li nstab waqt li kien qed jitqatta' l-blat tal-franka fl-inħawi ta'Brillu u ir-Ramlija. Dan il-



**Il-Menħir fl-1928**



| No. | Date and Time of receipt of Report | Name, Surname, Nickname, Father's (or husband's) Name, and Residence of persons concerned | Age | Name, Surname and other particulars of witnesses | Precis of occurrence | Disposal | Date of trial | Issue of case and Remarks |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | guard. Alfredo Montegin | | | |
| 166 | 22.5.08 8 am | St 102 F. Ceach | | | Captured a dog of the Maltese breed. | – | | Duplicate vide No. 164. |
| 167 | 23.5.08 | Paolo Ellul son of late Leonardo "Ta Marinton" Ghirop | 54 | | Whilst, digging in his field adjoining to premises No 9 Sda ..., L. Ghirop, he discovered a cave, in which, when opened he found human bones, of very old date as certified to by Dr L. Debono. In the said cave was also found five earthenware old lamps (Imsiebah) & an old plate, which were seen by Dr Tem: Zammit the Curator of the Museum declared that the said earthenware were not of great importance. | | | |
| | | ~ Safi ~ | | | | | | |
| 168 | 19.5.08 10 am | Carmelo Zammit son of late Salvatore "Il Buzia" Safi | 49 | St 373 A Sammut | With having driven a mule attached to a cart unprovided with a bit & two reins sitting on the shaft | C. | 6.6.08 | 2/6 ... |



**Silta mill-okkorrenzi tal-Pulizija fejn ġie rrapurtat li Pietru Pawl Ellul sab qabar fl-għalqa tiegħu u Sir Temi Zammit iċċertifikahom li m'għandhomx importanza partikolari.**

qabar meta nstab kien diġà ġie minsus. Il-qabar ġie eżaminat fis-sbatax ta' Awwissu 1928 bil-għajnuna ta' E.B. Vella li dak iż-żmien kien Kap tal-iskola ta' Ħal Tarxien. Instab li dan il-qabar kien tat-tieni perjodu b'xaft rettangolari madwar erba' piedi fond u ħames piedi wiesgħa. Kellu madwar erba' tarġiet fuq in-naħa tal-lvant tiegħu. Il-kamra tad-dfin kellha għamla ta' feles ta' ċirku b'għamla konkava fonda, entratura ta' żewġ piedi li tiftaħ għal ħamsa sakemm jasal fi trinka fonda parallela mat-tomba. Fuq il-ħajt tal-lemin kien hemm toqba qrib is-saqaf li tieħu l-imsiebaħ. Dan il-qabar kien imqatta' b'sengħa ġol-blat. Fih instab xi fdal ta' għadam uman, kif ukoll xi fuħħar ta' għamla Punika.

Dokumentazzjoni tal-pulizija turi li f'Mejju tal-1908, instab qabar ieħor ġo għalqa. Fih instab li kien hemm fdal ta' għadam uman li ġie ċċertifikat minn D. L. Debono, kif ukoll ħames insiebaħ u platt antik li Temi Zammit iċċertifika li ma kinux ta' importanza kbira.

Fil-25 ta' Marzu 1943, f'għalqa fi "Sqaq il-Ħarruba" fil-limiti ta' Ħal Kirkop instab katakombi li wkoll kien ġie mimsus u mimli bil-fdal. Fid-19 ta' April tal-1943 kien instab qabar ieħor maqtugħ fil-blat fl-inħawi magħrufa ta' "l-Imdiek". Dan ukoll kien ġie miftuħ u mimli bil-ġebel u l-ħamrija u fih instabu wkoll xi fdal ta' għadam uman u fuħħar.

Aktar riċenti fl-1962 waqt li kienu qed jirranġaw il-grawnd tal-futball ta' qrib RAF Station Safi, waħda mil-lasti nifdet katakombi ieħor. Dan kien katakombi Kristjan aktarx tar-raba' jew ħames seklu WK. Dan kellu taraġ li kien jagħti għal żewġ midfniet magħmulin għal żewġ iġsma. Dan kien jintuża bħala xelter fi żmien il-gwerra, iżda minkejja dan fih instabu bosta fdalijiet ta' għadam uman kif ukoll fuħħar Ruman.

**Referenzi**

Heritage Malta – Ritratti
Heritage Malta – Noti ta' Temi Żammit
Arkivji tal-Pulizija
Bliet u Rħula Maltin – Gullaumier Alfie
Menħir – Wikipedia
The Maltese Ring – Menhirs of the Maltese Islands – Website